Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Diċembru 2023

Ħarġa Nru 35



Ħbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **kappellimaltihbieb@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2023—2025**

**President**
Valent Xuereb

**Viċi-President**
(vakant)

**Segretarju**
Adrian Schinas

**PRO Editur Fuljett**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-attivitajiet**
Owen Caruana

**Membri**
Godfrey Mangion
Rita Buhagiar
Rose-Anne Mamo
Miriam Schembri

Għeżież Membri u Ħbieb,

Din hija l-aħħar ħarġa tal-fuljett għal din is-sena, liema sena kienet ta' suċċess għall-għaqda billi rnexxilna norganizzaw attività kull xahar, barra dawk sajfin, u li matulhom attendejtu, intkom, flimkien ma ħbieb oħra mhux membri, hekk numerużi għal kull attività. Dan l-att ta' fiduċja fina l-membri tal-Kumitat tana saħħa u enerġija biex inkomplu b'ħidmitna.

Il-ħarġiet din is-sena kienu fis-**Siġġiewi** (Santa Marija tà Ħax-Xluq, San Niklaw, u Madonna tal-Providenza), **Ħaż-Żabbar** (Santa Marija tal-Indirizz, Il-Lunzjata), **Iż-Żurrieq** (San Bert, San Luqa, u San Ġakbu), **Ħal Qormi** (San Bastjan il-qadima, Tal-Vitorja, u l-Madonna tal-Ħlas), **ir-Rabat** ( il-Kunċizzjoni tà Wied Gerżuma, San Martin il-qadima tal-Baħrija, u l-Madonna tà Itria tà Bingemma), **Il-Qala tà Għawdex** (is-Santwarju, u Kristu Re), **Ix-Xagħra** (San Anton Abbati) u **Tà Ħamet** (limiti tax-Xewkija), **San Ġwann** (il-Madonna tal-Mensija, San Ġakbu u San Filippu tal-Balal, u San Ġwann tal-Għargħar). Għal dan ix-xahar tà Diċembru hu maħsub li nżuru kappelli fir-raħal tal-**Qrendi** (aktar tagħrif fiċ-Ċirkolari). Hemm inkunu żorna b'kollox xi 24 kappella.

Infakkarkom li f'Jannar 2024 se tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali waqt l-attività li se jkollna. Inħeġġu lil dawk interessati fl-Għaqda sabiex joħorġu għall- Kumitat sabiex dan ikompli jiġġedded u jissaħħaħ.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*

*Il-Kumitat jixtieqilkom Milied qaddis mimli ferħ, paċi u sliem.*



L-Adorazzjoni tar-Rgħajja, Enrico Regnaud 1728, Knisja ta' Santa Tereża, Bormla

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-kappella tal-Lunzjata u San Anard, tal-Minsija, San Ġwann.

# Il-knisja ta' San Ġwann tal-Għargħar San Ġwann



Il-faċċata tal-knisja ta' San Ġwann tal-Għargħar

L-isem tal-kappella ta' San Ġwann tal-Għargħar ġej mill-inħawi li hija mibnija fih li fl-antik kienu jirreferu għalihom bħala "*Tal-Harhar*". Din il-kappella ma tissemmiex mal-knejjes rurali tal-*cappella* ta' Birkirkara fir-rapport taż-żjara tal-Viżitatur Apostoliku il-Monsinjur Dusina fl-1575. Jingħad li l-kappella nbniet fl-1546 minn familja privata li ma nafux min hi.

Iżda daqs tletin sena wara l-profanazzjoni tal-knisja ta' Santa Liena (mill-isqof Mikiel Balaguer Camarasa fis-sena 1656) insibu li fis-6 ta' Frar 1684, l-imgħallmin Mario Attard, Żebbuġi, u Xmun Bonnici, Karkariż, ftehmu ma' Pietru Gatt minn Birkirkara li kellhom jaqtgħu l-ġebel meħtieġ biex jibnu mill-ġdid kappella *ad unur* ta' San Ġwann fl-inħawi magħrufin bħala tal-Għargħar, flok oħra eqdem li kienet ipprofanata mill- Isqof Balaguer fl-1659 u kienet għadha hekk fiż-żjara tal-isqof Molina fl-1680. L-isqof Molina kien ordna li bil-flus li kienu nġabru mill-propjetà mħollija lill-knisja, issa pprofanata, kellhom isiru l-ewwel vespri lejlet il- festa u quddiesa nharha fil-knisja parrokkjali (il-qadima) ta' Birkirkara.



Kampnar u qanpiena b'salib bi tmien ponot tal-Ordni ta' San Gwann

Il-kappella ġdida kellha tkun għolja dsatax-il filata u b'zuntier quddiemha, u fit-tul u l-wisa' kellha tkun bħal dik il-kappella ta' Santa Margerita li tinsab fl-istess inħawi *Tal-Harhar*. Il-ġebel kellu jinqata' u jinġieb minn fejn qabel kien hemm kappella oħra ta' San Ġwann li kienet ġiet ipprofanata. Il-bennejja ntrabtu li jħottu dik il-kappella l-qadima ta' San Ġwann u li jibnu l-kappella l-ġdida minflokha u bl-istess ħaġar tal-qadima. Ix-xogħol kellu jitlesta sal-Għid il-Kbir ta' dik is-sena, jiġifieri s-sena 1684.



L-altar ewlieni

Fl-10 ta' Settembru ta' dik is-sena Pietru Gatt, ħalla żewġ għelieqi lil dik il-kappella u b'hekk akkwista l-ġuspatronat fuqha. Warajh daħal bħala prokuratur ibnu l-kanonku Dun Girgor Gatt, imbagħad ħuh Ġużeppi Gatt, u baqgħu neżlin sa Dun Pietru Pawl Gatt. L-isqof Labini ma kienx jaf b'dak il-ġuspatronat, u minflok qraba tal-fundatur Pietru Gatt, ħatar lil ħaddieħor bħala prokuratur. Malli ndunaw b'dan, il-kuġini Dun Giovanni Battista Gatt u Dun Pietru Pawl Gatt, li Pietru kien jiġi nannuhom, ġibdu l-attenzjoni tal-Isqof u talbuh jirrimedja. Fil-15 ta' Settembru 1781 l-Isqof iddeċieda li l-ġuspatronat baqa' u kien għadu f'idejn id-dixxendenti u l-werrieta ta' Pietru Gatt.



Is-Salib fuq l-altar

Il-kappella għandha sura sempliċi ħafna b'altar wieħed li l-kwadru titulari tiegħu llum jinsab fil-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini, li hemm mal-knisja parrokkjali ta' San Ġwann. Għalkemm mhux kbir u ta' forma vertikali, dan il-kwadru, li l-awtur tiegħu mhux magħruf, juri l-qtugħ ir-ras tal-Battista. Għalkemm hu xogħol li sar tard fis-seklu sbatax, għandu laqtiet li jfakkru lil dak li jkun fl-opra magħrufa ta' Caravaggio fl-oratorju tal-knisja Konventwali ta' San Ġwann tal-Belt.

Din il-kappella hija rettangolari għalkemm minn barra aktar tidher li għanda forma ta' kubu. Il-faċċata mhux imżejna għajr it-tieqa kwadra mbarrata bi grada tal-ħadid fuq il-bieb

prinċipali. Din it-tieqa żgħira hija l-uniku sors ta' dawl fil-kappella. Il-bieb prinċipali jħares lejn il-punent, u hu mdawwar b'gwarniċ sempliċi tal-ġebel.

Dil-kappella għandha magħha sagristija ċkejkna fuq il-lemin tagħha u fuq quddiem, il-kappella għandha zuntier żgħir imdawwar b'ċint għoli żewġ filati li titla' għalih b'erba' tarġiet. Fuq il-bieb, fuq it-tieqa sempliċi li diġà semmejna, fuq ix-xifer tal-bejt hemm kampnar żgħir (*grabja*) b'qanpiena waħda. Dan għandu fuqu salib tal-Kavallieri, dak bi tmien ponot. Iżda dan aktarx li sar wara t-tluq ta' dawn minn pajjiżna, għax mhux magħruf li l- kappella qatt kellha xi rabta mal-Ordni. Fuq il-ħitan tal-ġnub hemm żewġt imwieżeb tal-ilma tax-xita, tnejn fuq kull naħa.

Minn ġewwa il-kappella għandha erba' arkati li jerfgħu saqaf troll. Is-saqaf innifsu hu magħmul minn xorok miksi bid-deffun. Il-knisja għandha altar wieħed.

Fl-2016 saret tiswija u restawr minn barra, fuq il-faċċata, fuq iz-zuntier u fis-saqaf. Saru tiswijiet u ttieħdu miżuri biex ma jsirx aktar taħsir u deterjorazzjoni fil-ġebel

Din il-kappella tat l-isem lill-lokalità li llum tissejjaħ "*San Ġwann*". Qabel l- 1968 dawn l-inħawi kellhom ismijiet diversi: il-Minsija fuq Wied għomor, fejn hemm is-Santwarju tal-Madonna; l-Imsieraħ, bejn Triq in-Naxxar li nfetħet fil-bidu tas-seklu għoxrin u l-Kappara; Misraħ Lewża fejn illum hemm il-knisja parrokkjali, u naturalment San Ġwann tal-Għargħar, l-inħawi ta-kappella. Qatt ma kienet issir referenza għal San Ġwann biss imma San Ġwann tal-Għargħar.



Ritratt antik tal-Kappella

Il-kappella għaddiet fil-kura tal-patrijiet Kapuċċini meta dawn stabbilew ruħhom f'San Ġwann fl-1956. Il-kappella ta' San Ġwann intużat għat-tagħlim Nisrani minn katekisti tal-MUSEUM.

Il-knisja llum tgawdi minn protezzjoni permezz ta' skedar tal-ewwel grad li ngħata lilha fil-15 ta' Novembru tal 1994.

Kitba ta' Philip Xuereb
informazzjoni meħuda mis-silta miktuba mill-awtur stess
fis-sit www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell

# Il-Kappella ta' San Filippu u San Ġakbu

## magħrufa wkoll bħala "Tal-Prepostu" f'Tal-Balal, fil-limiti ta' San Ġwann

Kappella li nsibu fil-limiti ta' f'Tal-Balal, limiti ta' San Ġwann, hi dik dedikata lil San Filippu u San Ġakbu, magħrufa aħjar bħala l-kappella tal- Prepostu minħabba r-rabta li kellha mal-Prepostu tal-Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara meta nbniet. Il-kappella tinsab fit-triq li tgħaqqad lil San Ġwann man-Naxxar.



Il-faċċata tal-Kappella ta' San Filippu u San Ġakbu

Din il-kappella taf il-bidu tagħha lill-Prepostu ta' Birkirkara Dun Ġużepp Gaspare Vassallo li fit-18 ta' Ottubru tal-1732 iddikjara għand in-Nutar F. Grech li fuq art magħrufa bħala *Ta' Wied Għomor* ried jibni knisja u ħallielha renta ta' disa' skudi fis-sena minn fuq propjetà li kellu ħdejn il- knisja ta' Santu Rokku f'Birkirkara stess. Kien għamel ukoll kundizzjoni li din il-knisja qatt ma kellha tiġi tiddependi mill-Arċipriet-Kurat tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, imma biss minnu u mill-Preposti suċċessuri tiegħu. Dan minħabba li dak iż-żmien il-Prepositura u l-Arċipretura f'Birkirkara ma kinux investiti f'persuna waħda, kif iżda, reġgħu kienu bejn l-1981 u l-1994. Wieħed irid jgħid ukoll li dik il-ħabta li l-Prepostu Vassallo bena din il-knisja f'Tal-Balal, kien hemm kwistjonijiet kbar bejn dawk iż-żewġ dinjitarji kapitulari. Il-kappella nbniet fl-1733, u għalhekk li għadha tissejjaħ sa llum *Tal-Prepostu*.

Mhux biss il-kappella, iżda l-inħawi ta' Wied Għomor, biż-żmien ukoll bdew jissejjħu 'Tal-Prepostu'. Ta' min iżid jgħid ukoll li xi mkien f'dawn l-inħawi, fiż-Żminijiet tan-Nofs kien jeżisti Raħal Ġer, wieħed minn dawk l-irħula hekk mitlufin matul iż-żmien.

Minbarra ż-żewġ qaddisin Appostli Filippu u Ġakbu, il-fundatur tagħha ried li tkun ukoll għall -Erwieħ tal-Purgatorju l-aktar fil-bżonn. Bniha biex in- nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi rurali Tax-Xwieki u tal-Għorfa tal- Balal, li dak iż-żmien kienu parti mill-parroċċa Karkariża, ikollhom knisja fejn setgħu jisimgħu l-quddies fil-Ħdud u l-btajjel.



Is-saqaf tal-kappella

Minbarra li bniha kien ra li jkollha wkoll kulma kien meħtieġ. Ħalla wkoll fundazzjoni biex jinxtegħel il-lampier fis-Sibtijiet kollha, quddiesa nhar il-festa tal-qaddisin titulari (illum fil-kalendarju nhar it-3 ta' Mejju), u quddiesa kull nhar ta' Ħadd fis-sitt xhur tas-sajf.

Madankollu, il-Prepostu kellu problema biex isib sagristan għal din il-knisja, għax ħadd ma ried joqgħod jekk ma kienx igawdi mill-eżenzjoni u l-privileġġi tal-qorti ekkleżjastika, billi dan ma setax ikun jekk f'dawn il- knejjes tal-kampanja ma kienx isir fihom għallanqas żewġ quddisiet fissi fil- ġimgħa. Għalhekk fl-1738 kiteb Ruma li minħabba n-nuqqas ta' sagristan ħadd ma kien irid imur iqaddes f'dik il-knisja u hekk tonqos il-qima u l-ġid tan-nies tal-inħawi. Għal din it-talba kellu wkoll rakkomandazzjoni mingħand l-Isqof.

il-kapella nbniet meta l-Msieraħ, jew San Ġwann tal-lum, kien għadu jagħmel mal-parroċċa ta'Sant'Elena f'Birkirkara, li kellha limiti enormi li kienu jwasslu sa San Ġiljan. Fl-1965 San Ġwann sar parroċċa u nqata' minn ma' Birkirkara. Iżda għal xi żmien din il-kappella xorta baqgħet tagħmel ma' Birkirkara. Kien meta twaqqfet il-parroċċa tal-Kunċizzjoni f'Tal-Ibraġġ li din il-kappella saret tagħmel ma' San Ġwann.

Il-kappella għandha faċċata ħelwa, b'bieb fin-nofs imżejjen bi gwarniċa mmullata fuqu. Fuq il-bieb hemm tieqa li tagħti d-dawl lill-ġewwieni tal- kappella u taħtha hemm ċ-ċavi maħruġa 'l barra bħallikieku forsi riedu li xi darba jiskolpixxu xi arma fuqha. Fil-kantunieri tal-faċċata nsibu pilastru lixx li jispiċċa b'piramida għamla ta' boċċa gejja għall-ponta. Il-faċċata tispiċċa bi frontispizju jew pediment li ġo fih hemm spazju fejn qabel kien hemm imdendla xi qanpiena. Fuq dan hemm salib tal-ġebel. Fil-ġnub tal- kappella naraw ukoll xi mżieweb għall-ilma.

Minn ġewwa l-kappella għandha forma rettangolari b'altar wieħed. Għandha saqaf troll u art taċ-ċangatura. L-altar ewlieni qiegħed fi speċi ta' arkata, jew apside, mdaħħla ftit 'il ġewwa u ġo fih insibu l-kwadru titulari. Dan il-kwadru li hemm bħalissa hu ritratt kopja tal-kwadru titulari, għax l- oriġinal ittieħed lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġwann. It-titular juri liż- żewġ appostli San Filippu u San Ġakbu fil-glorja qed jiġu nkurunati minn xi anġli. Taħthom insibu xi erwieħ tal-purgatorju li jidhru jitolbu lil dawn iż- żewġ qaddisin biex jingħataw il-premju ta' dejjem. Hemm ukoll gwarniċa mmullata li tibda mill-kwadru titulari u tibqa' ddur mal-knisja kollha. Il-kwadru titulari hu deskritt bħala wieħed ta' valur artistiku, kemm stilistikament u kemm teknikament u li jqarreb ħafna lejn ix- xogħlijiet tal-pittur MaltI tal–ewwel nofs tas-seklu tmintax, Ġannikol Buhagiar.



Pittura tat-titular

Minħabba li l-kappella qegħda xi ftit maqtugħa mill-abitat din għal xi żmien intelqet u ftit tas-snin ilu ġiet irrestawrata. Tinsab f'kundizzjoni tajba imma sfortunatament ma tinfetaħx għajr għal xi wirjiet jew xi laqgħat li jsiru fiha.

Kitba ta' Philip Xuereb
informazzjoni meħuda mis-silta miktuba mill-awtur stess
fis-sit www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell u Miriam Schembri

# KAPPELLA TAL-LUNZJATA U SAN ANARD, TAL-MINSIJA, SAN ĠWANN

Waħda mill-isbaħ kappelli tal-akwati ta' San Ġwann hija bla dubju il-kappella ddedikata lill-Lunzjata u San Anard. Santwarju verament sabiħ li hemm f'dan ir-raħal, jew kif inhu magħruf aħjar minn nies tal-lokal, is-Santwarju tal-Minsija.



L-altar ewlieni tal-kappella tal-Lunzjata u San Anard. tal-Minsija

Din il-knisja l-ewwel ma tissemma huwa mill-Viżitatur Apostoliku il-Monsinjur Dusina fl-1575, u qiegħda rreġistrata mal-knejjes rurali ta' Birkirkara, fl-aħħarnett, wara knejjes oħra li kienu jinsabu "*in contrata Arar*" – fil-kontrada jew l-inħawi tal-Għargħar fejn illum hemm il-lokalita' ta' San Ġwann. Kienet imniżżla bħala ta' San Anard (Leonardu) u kellha altar u bibien tal-injam. Din tal-aħħar hija sorprendenti meta wieħed ikun jaf li l-biċċa l-kbira tal-knejjes, kemm fir-raħal ta' Birkirkara u fl-inħawi, l-anqas dawk fl-Għargħar stess, ma kellhomx bibien. Iżda la kellha rettur, la introjti u lanqas affarijiet oħra meħtieġa għall-kult.

Inbniet fl-1572, seba' snin wara t-tmiem tal-Assedju l-Kbir minn ċertu Ġwanni Micallef minn Birkirkara. Dan kellu l-obbligu li minn fuq għalqa li kienet tmiss mal-istess knisja, u li kienet propjeta' tal-istess Micallef, jagħmel fiha l-għasar lejlet u quddiesa nhar il-festa. Wieħed ma jridx jitfixkel din il-knisja ma' oħra ta' San Anard li kien hemm f'Birkirkara, sewwasew f'Ħas-Sajjied, qrib il-knisja tal-Vitorja tal-lum. Li kienet iddedikata lil San Anard, protettur tal-ilsiera, juri rabta mal-ġrajjiet imqallba ta' dawk iż-żminijiet, dawk ta' wara l-Assedju l-Kbir.

Fiż-żjajjar Pastorali tal-aħħar tas-seklu 16 u l-bidu tas-17, insibu li din il-knisja tissemma bħala San Leonardu tal-Ġebel, probabbilment għall-qagħda tagħha taħt sies, u l-lokalita' tissejjah "*Il-Ħofra tal-Għar*". Fl-1615 din il-knisja kienet għadha magħrufa bħala ta' San Anard u jingħad li kienet tinsab fix-xaqliba *Ta' Saqqet il-Għar*.



TRITTIKU STIL BIŻANTIN, xoghol fuq l-injam

Fl-1618 l-isqof Cagliaris ipprofanaha u ġiet kkonfermata ukoll fl-1636. Il-knisja kienet ġiet abbandunata għal kollox u eventwalment intesiet. Ta' min ifakkar li dik il-ħabta kienu ġew ipprofanati għadd ta' kappelli oħra fl-inħawi, bħal dik ta' Santa Liena, ta' San Bert u ta' Sant'Andrija. Kien fl-1690 li b'kumbinazzjoni kien reġa' nstab it-trittiku antik tal-Lunzjata (u San Anard) u miegħu il-knisja li kienet ġiet abbandunata u minsija. In-nies bdiet tikkonkorri hemm minn kull naħa tal-gżira u l-knisja reġgħet inbniet mill-għotjiet li bdew ġejjin. Tbierket nhar is-17 ta' April 1691 u fuq l-altar tagħha tqiegħed dak it-trittiku tal-Annunzjazzjoni (u San Anard) li kien instab. B'hekk dan kien sar wieħed mill-aktar santwarji Marjani popolari fil-gżejjer Maltin, u l-isem popolari li għad għandu sa llum: Tal-Minsija, tnissel minn din il-ġrajja. Fil-fatt din il-knisja kienet

oriġinarjament waħda trogloditika, jigifieri knisja fil-blat, kif parzjalament għadha sa llum.

Għal din id-devozzjoni bdew jiġu attribwiti l-qligħ ta' grazzji u interventi mirakolużi ta' fejqan, ħelsien minn diżgrazzji u bosta oħra. Minn hekk f' dan is-Santwarju wkoll, bdew jiżdiedu l-kwadri ex-voto jew tal-wiegħda, li ħafna għadhom hemm sal-lum. Għal wieħed minn dawn l-interventi straordinarji hu attribwit il-bini ta' loġġa kbira fil-bitħa, li x'aktarx kien hemm qabel ma s-Santwarju tkabbar snin wara, biex il-pellegrini li jmorru jżuruh ikollhom fejn jistkennu mix-xemx jew mix-xita skond il-każ.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija u d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija f'dan il-post, reġgħet ingħatat spinta qrib l-1880 mill-qassis Karkariż Dun Ġorġ Debono. Hu mar joqgħod fi kmamar li kien hemm hemmhekk fuq l-għar innifsu u beda jqaddes fil-post. Wara mewtu, in-neputi tiegħu Mikiel baqa' joqgħod fil-post ta' zijuh mal-familja tiegħu. Huwa ħaseb biex ikabbar is-Santwarju billi jieħu l-ispazju tal-bitħa li kien hemm quddiemu u jgħaqqadha fi knisja waħda ma' l-għar oriġinali. Il-proġett inbeda, iżda ma kellux fondi biżżejjed biex itemm dak li kien ippjana. Iżda fl-1913 kien inqala' qassis li kien mar jiżżi ħajr lill-Madonna għal grazzja li kienet qalgħetlu, u b'għotja li ħalla, Mikiel seta' jkompli s-Santwarju fis-sura kif għadu jidher sa llum.



Kwadru titular tal-Annunzjata u San Anard, xogħol artistiku tas-seklu 17, attribwit lill-iskola tà Francesco Zahra jew dik ta' Rokku Buhagiar.

Biex ikompli jkabbar il-qima lejn il-Madonna tal-Minsija, il-Papa Ljun XIII, b'Reskritt tal-20 ta' Diċembru, 1879 iddikjara l-altar ta' ġo dak l-għar bħala altar privileġġjat għal dejjem. Isqof Pace ma qadtx lura, u b'digriet tal-15 ta' Lulju 1911, ta mitt jum indulġenza lil kull min igħid Ave Maria quddiem dak il-kwadru, maħdum stil Grieg. Fid-9 ta' Ġunju 1940 sar pellegrinaġġ kbir min-nies ta' Birkirkara u ta' dawk l-akkwati għal dan is-Santwarju fejn talbu b'ħerqa kbira biex il-Mulej ibiegħed min xtutna il-gwerra li kienet waslet biex tfaqqa fuq il-poplu Malti.

Meta twaqqfet il-parrocca ta' Lourdes f'San Ġwann fl-1965, il-Kapitlu tal-Kolleggjata ta' Sant' Elena żamm taħt is-setgħa tiegħu dan is-Santwarju, u għal xi snin kienu jmorru jqaddsu fih il-Kanonċi ta' Birkirkara. Kienu ukoll jiċċelebraw il-festa tiegħu ta' kull sena. Xi snin wara dan ġie mgħoddi lill-parroċċa ta' San Ġwann.

Il-kappella għandha origini medjevali. Il-faċċata li naraw illum inbniet tard fis-seklu 19, li hu biss daħla għal taraġ wiesa' li jwassal għall-għar innifsu. Għandha frontispizju bħal ta' knisja kbira u kampnar kbir f'nofsha fuq il-faċċata. Il-bieb tagħha huwa kbir fit-tond u jagħtiha dehra mhux ta' kappella rurali, imma ta' xi ħaġa grandjuża.

Min-naħa ta' wara, wieħed isib li hemm bħal ħofra wiesgħa ta' għamla tonda u mhux fonda, li l-ġenb tal-Lvant tagħha, fejn hemm il-kappella, jogħla iktar. F'din in-naħa hemm għar wiesa' u mhux fond wisq, iktar qisu tisqifa ħierġa 'l barra aktar ma togħla. F'dan kien għadhom jidhru taqsimiet bil-ħitan tas-sejjieħ, li forsi, bħalma ġara f'għerien oħra, inkluż Għar il-Kbir qrib il-Buskett, kienu jintużaw għall-bhejjem, iżda li fi żminijiet eqdem, setgħu kienu jintużaw biex fihom joqogħdu n-nies.

Kif wieħed jinżel l-erbgħin tarġa jsib ruħu fl-għar. It-trittiku oriġinali tħalla fin-niċċa fil-blat tal-għar fil-ġenb tax-xellug ta' min iħares lejn l-altar. Dan hu kwadru bi tlieta li juri lil Sidtna Marija (fuq il-lemin), l-Arkanġlu Gabriel (fuq ix-xellug) flimkien ma' San Anard (fin-nofs), fejn jidher qed iżomm ktieb f'idejh u katina bil-manetti, li jissimbolizza li hu l-patrun tal-ilsiera. Fuq l-altar f'niċċa mħaffra fil-blat naraw kwadru ieħor tal-Lunzjata. F'dan il-kwadru jidher l-Arkanġlu Gabriel qed iħabbar lil Sidtna Marija filwaqt li jidher ukoll San Anard għarkubtejh quddiemha. Dan il-kwadru kien sar fl-1780 skond l-ikonografija ta' dak iż-żmien. Jidher li dan kien sar bħala *ex voto*.

Il-leġġenda, li l-knisja nbniet minħabba fiha, tgħid li kien fis-seklu 15, meta fit-trufijiet imbegħda ta' Birkirkara, qrib San Ġiljan, ċertu Indri mar jgħammar flimkien ma' martu u wliedu f' daqsxejn ta' dwejra li hu kellu f'tefgħa ta' art ġmiela meħuda minnu b'ċens. Imma lejla waħda, waqt li kien dieħel f'daru, baqa' miblugħ mhux ftit meta minn xaqq fil-ħajt, hu lemaħ dawl qawwi li kien ġej min taħt l-art. Bħalu stgħaġbu wkoll martu u wliedu meta raw b'għajnejhom kulma kien qalilhom, għalkemm forsi m'emmnuħx mill-ewwel.

Dan Indri ħaseb li għandu jiftaħ il-ħajt u jiġbed lejn minn fejn kien ġej id-dawl li lemaħ. Meta, wara li fetaħ il-ħajt u wasal biex jibda jħaffer l-art, hu sab il-blat iebes wisq. Imma f'ħin minnhom, sfrondat weħedha roqgħa ġmiela ta' art, li mill-ftuħ li ħalliet warajha, seta jara għamla ta' kwadru mqiegħed f'niċċa mħaffra fil-ħajt, b'musbieħ tal-ħadid imdendel quddiemha jixgħel bi tlett miċeċ. Indri malajr għarraf kollox lill-kappillan, li ukoll stagħħġeb mhux ftit meta sar jaf b'dak li sab Indri. Il-Kappillan ta' Birkirkara ma riedx li dak il-kwadru mirakoluż jibqa' minsi f'għar mirdum taħt l-art hekk imbiegħed mill-qalba tal-parroċċa tiegħu. Sakemm iddeċieda fejn jitqiegħed għall-qima tad-devoti, il-kwadru ittieħed għand il-Kappillan xi żewġ mili bogħod mill-post fejn instab. Bla ma ħadd messu, dak il-kwadru tax-xbiehat imqaddsa, għeb mid-*Domus Curialis*, u reġa' tfaċċa ġo dak il-għar ta' Indri qalb it-tħarbit u t-tkissir t'hemmhekk. Il-Kappillan reġa' ħadu id-*Domus Curialis* iżda b'għaġeb ta' kullħadd, il-kwadru reġa' irritorna waħdu ġewwa l-għar. Billi l-Kappillan issa dehrlu li dan kollu kien qed isir b'qawwa u mezzi sopranaturali, għarraf b'dan il-fenomenu kollu lill-Isqof, u pprova jżomm din l-aħbar mistura iżda xorta ġriet ma' Malta kollha. L-Isqof mexa bl-istess proċedura tal-Kappillan, u ordna biex dan il-kwadru jittieħed fil-palazz tiegħu u jiġi mgħasses sewwa taħt għajnejh stess. Imma fost l-għaġeb ta' kulħadd, ix-xbieha reġgħet sabet postha fil-għar tagħha u allura issa ntwera ċar li hemm riedet tibqa' għal dejjem.

Imbagħad l-Isqof innifsu mar iżurha fil-għar tagħha u ordna li l-għar jiġi mnaddaf mit-terrapien li kien hemm ġo fih, u li dan il-kwadru jibqa' fin-niċċa mħaffra ġol-blat, fejn insab l-ewwel darba. L-Isqof ordna wkoll li jsir kanċell biex dan il-għar jingħalaq u jitwaqqaf altar tal-ġebel biex hemm ikun jista' jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa.

Leġġenda oħra fuq dan il-kwadru mirakoluż tgħid wieħed magħtub mar iqim dan l-inkwadru bla ma qagħad jibża' li jista' jitgerbeb it-taraġ kollu li hemm. B'sagrifiċċju kbir hu ra kif għamel u niżel, u kif deher quddiem ix-xbieha mirakoluża, ħass il-krozzi jaqgħulu minn taħt dirgħajħ bla ma għandu bżonnhom iżjed. Dan ir-raġel tgħidx kemm feraħ u xandar ma' Malta kollha l-grazzja li l-Madonna qalgħetlu, u għalkemm ma kienx għani, ried li minn flusu tinbena loġġa quddiem l-għar tagħha sabiex dawk li jmorru jżuruha, ikollhom fejn jistrieħu.

Kitba ta' Joe Brincat
informazzjoni meħuda mis-silta miktuba mill-awtur stess
fis-sit www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell u Miriam Schembri



Artal mal-ġenb tal-kappella